**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 11

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 25 ta' Frar 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fit-3.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 10

11.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-għaxar laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

11.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

11.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament.

### 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li riċentament fi Triq Prezosi Sqaq nru 2 nqala każ ta' emerġenza fejn kellha tidħol ambulanza u din ma setatx minħabba l-karozzi li qed jipparkjaw ħażin u jostakulaw id-dħul u l-ħruġ ta' dan l-isqaq. Is-Sur Dalli qal li huwa ser jagħmel kuntatt ma' Transport Malta biex tiġi fuq il-post u tagħti parir lil kunsill ta' x'għandu jagħmel biex din l-inkonvenjza tiġi eliminata darba għal dejjem. Huwa qal li jekk Transport Malta ser tindika li hemm bżonn isiru xi sinjali ġodda bħal *double yellow lines*, dawn ser isiru kif mitlub.

11.3.2 Is-Sindku qal li avviċinawh il-pulizija li jkunu *on guard* fi Triq Merino, ħdejn Dr.Simon Busuttill biex isiru żewġ *yellow boxes* fit-triq għall-użu tagħhom stess. Is-Sindku qal li kaxxa waħda safra hija biżejjed u dan biex ma jittieħdux ħafna spazji ta' parkeġġ lir-residenti. Fuq dan il-kunsill qabel.

11.3.3.1 Is-Sindku qal li dakinhar tas-seduta stess filgħodu, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħa mal-Perita minn *Infrastructure Malta*, il-kuntrattur li huwa assenjat jagħmel ix-xogħlijiet u ma' żewġ uffiċjali minn *Heritage Malta* rigward ir-*resurfacing* tal-wiċċ il-ġdid ta' Triq Sir Ugo Mifsud. Dan ġew fuq il-post jagħmlu spezzjoni minħabba lmenti li kellhom mingħand diversi residenti li ma jixtiequx li issir ħsara lil bankini peress li huma magħmulin bil-qawwi/żonqor.

11.3.3.2 Wara l-ispezzjoni li saret tul it-triq kollha, l-uffiċjali ta' *Heritage Malta* nfurmaw li huma issa ser ifaslu rapport fuq dak li raw bir-rakomandazzjonijiet tagħhom u għandhom jgħaddu kopja ta' dan ir-rapport lil *Infrastrucutre Malta* u kif ukoll lil Kunsill.

11.3.3.3 Waħda minn dawn ir-rakomandazzjonijiet li taf tkun indirizzatha lil kunsill għandha x'taqsam mal-bankini u l-wiesgħa tagħhom. Jidher biċ-ċar li jekk isiru l-bankini mill-ġdid fuq iż-żewġ naħat u bil-wiesgħa eżatt kif suppost skond ir-regoli tal-KNDP mhux ser jgħaddu aktar żewġ karozzi f'daqqa minn triq Sir Ugo Mifsud. Għalhekk aktarx li l-kunsill ser ikollu jikkunsidra jagħmel it-triq *one-way.* Infatti l-Perita ta' *Infrastructure Malta* ssuġġerriet lis-sindku biex jikkunsidra li jimplementa sistema ta' *one-way*.

11.3.3.4 Is-Sindku qal li diġa ħaseb ħafna kif tista tiġi mplementatha sistema ta' *one way* fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sur Dalli qal li huwa tal-opinjoni li t-triq issir *one way* eżatti kif taqbeż minn fejn il-*housing estate* il-fuq lejn il-ġnien. Jiġifieri l-karozzi ma jkunux jistgħu jduru aktar minn Triq Giovanni Barbara għal Triq Sir Ugo Mifsud ħdejn *Parisio nursery* u jkunu jistgħu jidħlu biss għal Triq Sir Ugo Mifsud minn Triq Naxxar. Huwa kompla jgħid li qed jissuġġerixxi li l-*one-way* issir mill-*housing estate* il-ġewwa biex ir-residenti tal-*housing* ma jiġux affetwati u jkunu jistgħu jidħlu kif ukoll joħorġu minn Triq Naxxar biex ikollhom aċċess għad-djar tagħhom.

11.3.3.5 Is-Sindku qal li din hija xi ħaġa li wieħed m'għandux jieħu deċiżjoni magħla fuqha u talab lil kunsilliera biex joqgħodu jaħsbu daqsxejn fuq l-implementazzjoni ta' din il-*one-way* u jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv b'imejl fil-jiem li ġejjien.

11.3.3.6 Inkonnessjoni ma' dan, is-sindku qal lil kunsilliera li anke Triq Fernand Gregh hemm bżonn tiġi *one-way* u talabhom biex jaħsbu fuq implementazzjoni ta' *one-way* għal din it-triq ukoll u jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv b'imejl fil-jiem li ġejjien.

11.3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-ġnien Ċentru Rikreattiv fejn qal li ġew tal-Ambjent Malta fuq il-post biex jgħinu lil kunsill fl-iżbir u t-tisbieħ ta' dan il-ġnien. Huma diġa ġew darba u żabru l-lantana ta' Triq Giovanni Barbara kollha u żabru wkoll is-siġra ta' quddiem il-klabb tal-boċċi. Dawn għandhom jiġu aktar spissi u s-segretarju eżekuttiv ser iżżomm kuntatt kontinwu magħhom.

11.3.5 Is-Sindku qal li rcieva rapport mingħand uffiċjal tas-Sanita fejn dan l-uffiċjal infurmah li kien hemm każ ta' infestazzjoni tal-ġrieden fil-ġnien ċentru rikreattiv u xi tifel ċkejken spiċċa ħa xi nfezzjoni. Is-Sur Dalli qal li skond istruzzjonijiet li huwa ġe mgħoti mingħand tas-sanita fil-jiem li ġejjien ser jiltaqgħa ma' xi ħadd mill-kumpanija *Comtec* biex jagħti lil kunsill stima ta' kemm tiswa l-installazzjoni ta' kaxxi tal-velenu li hemm bżonn isiru fil-ġnien.

11.3.6 Is-Sur Dalli qal li huwa anke ltaqgħa ma' uffiċjali mill-*public works department* biex forsi jagħtu daqqa t'id fil-manutenzzjoni u l-istruttar tal-ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku qal li sfortunatament ma tantx ħareġ ġid minn dan il-*meeting* u ma jidirx li l-kunsill ser jingħata il-ko-operazzjoni meħtieġa. Is-Sur Dalli qal li dan id-dipartment għandu jagħmel xi riċerki minn naħa tiegħu biex jara min huwa responsabbli għal mantunezzjoni ta' diversi partijiet f'dan il-ġnien u għandu jerġa jkellem lil kunsill fejn jinfurmah bl-informazzjoni li jkun sab u kif ukoll b'xi skemi li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal kunsill f'dan ir-rigward.

11.3.7 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li l-kunsill ġie assenjat ħaddiem ġdid mill-kumpanija *RSS*, is-Sur Raymond Mallia u dan ser jibda jaħdem mal-kunsill b'mod effettiv minn Marzu 2020. Is-Sur Dalli kompli jgħid li l-kumpanija *District Operations* ukoll avviċinat lil kunsill biex tassenja ħaddiem li bħalissa qed jaħdem ma' Ħal Balzan. Is-Sindku pero rrifjutha din it-talba. Hawnhekk is-Sur Dalli fakkar lil kunsilliera li suppost kellu jiġu assenjat persuna oħra biex jibda jaħdem mal-kunsill, is-Sur Marco Grech, iżda dan ma jistax jibda jaħdem mal-kunsill qabel ma jiġi approvat ir-*release* tiegħu mill-entita kkonċernatha.

11.3.8 Is-Sindku nforma li kellu rispons tajjeb mingħand ir-residenti rigward il-fanali LEDs ġodda li saru riċenti permezz tal-fondi mgħottija minn Aġenzija LESA ta' €3,085.96 li ġew allokati lil kunsill. Sissa tweħlu erba' fanali ġodda b'kollox: wieħed fi Triq Sant Andrija Sqaq Nru 1, wieħed fi Triq il-Forn u tnejn fi Triq il-Knisja. Is-Sindku qal li għadt baqa flus biex jinbidel fanal ieħor u qed jissuġġerixxi biex dan isir fi Triq il-Knisja viċin il-każin tan-Nazzjonalisti. Eżistenti bħalissa hemm żewġ fanali viċin ta' xulxin li bilkemm juru dawl u l-*electrician* tal-parir li dawn jinqalaw u f'dik il-parti tat-triq isir wieħed biss fin-nofs. Il-Kunsill approva dan.

11.3.9 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera li ħarġet it-tender inkonnessjoni mar-restawr tat-Torri Belvedere. Huwa qal li kif din it-tender tagħlaq u tintagħżel offerta jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet tar-restawr li jafu jdumu massimu ta' tlettin ġimgħa.

11.3.10.1 Is-Sindku spjega kif mill-aħħar laqgħa li huwa attenda tar-Reġjun Ċentru jidher li ser ikun hemm xi tqassim ta' flus u l-kunsill ta' Ħal Lija ser jibbenifika minn somma li jaf tammonta għal €34,000. Naturalment il-kunsill għandu jirċievi lista ta' kriterji li minnhom ser ikollu ċans jagħżel kategorija jew aktar ta' kif jixtieq jinvesti din is-somma. Dawn kriterji ser jiġu ddeterminati mir-Reġjun Ċentru aktar il-quddiem.

11.3.10.2 Is-Sindku tal-parir li parti minn dawn il-flus jiġu nvestiti fil-kumplament tat-tibdil ta' fanali LEDs li jonqos jsiru fir-raħal. Huwa qed jikkalkulha li bejn wieħed ieħor baqa xi tlettin (30) fanali x'jinbidlu u qed jiġi estimat li dawn ser jammontaw għal spiża ta' €18,000.

11.3.10.3 Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan il-parir u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tinnotifika lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru b'dan.

11.3.11 Is-Sur Dalli nforma lil kunsill li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv talbu lid-dipartiment biex jiġi estiż iż-żmien sakemm il-kunsill għandu ċans biex iwettaq il-proġett relatat mall-installazzjoni ta' sistema ta' rrigazzjoni fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Din it-Talba ġiet milqugħha u minn April 2020 il-kunsill ingħata estenzjoni sa Ġunju 2020.

## 11.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub kien hemm tlieta, waħda mingħand il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Mallia u tnejn mingħand is-Sinjorina Lorraine Farrugia. Kopja tal-mistoqsijiet annessi mal-minuti.

11.4.2 Is-Sindku Anthony Dalli wieġeb għall-ewwel żewġ mistoqsijiet relatati ma' lment fi Triq Carmelo Farrugia, billi qara r-risposta li huwa pprepara qabel il-laqgħa. Risposta annessa mal-minuti. Ma' din ir-risposta s-sindku żied jgħid li biex il-kunsill jgħin mill-aħjar lir-resident li qed ikollu problema ta' ostaklu biex jidħol fil-garaxx tiegħu fi Triq Carmelo Farrugia, f'seduta tal-passat huma lkoll kienu approvaw u ordnaw tabella li tgħid ' Kun prudenti u tostakolax il-garaxxijiet tar-residenti'. Ir-Resident pero ma ridix din it-tabella u saret għalxejn.

11.4.3 Għalhekk is-sindku tal-parir li l-kunsill alissa jibqa jissorvelja din il-problema bl-aħjar mod possibbli u jibqgħu jsiru rapporti mal-pulizija kull darba li jkun hemm xi ostaklu u dan ir-resident ma jkunx jista jagħmel użu mill-garaxx tiegħu.

11.4.4 Rigward it-tielet mistoqsija tas-Sinjorina Lorraine Farrugia; biex tiġi rranġatha bankina li qiegħda fi stat ħazin fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Kardinal Ferretti, is-Sindku qal li huwa ħa nota ta' dan u din il-biċċa xogħol qiegħda miżjuda mal-lista tax-xogħlijiet pendenti. Din ser issir mal-kumplament li hemm fuq il-lista pero s-Sur Dalli huwa tal-parir li din il-bankina ssir kif il-kunsill joħroġ *tender* tal-*patching* u jkollu kuntrattur allokat apposta għalhekk.

## 11.5 Korrispondenza

11.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 0139/20 – '*Parking* Triq Giovanni Barbara' u xtaqet tkun taf fuq xix titratta. Is-sindku nfurmaha li l-kunsill għamel rapport mal-pulizija rigward trailer u dgħajsa li qiegħdin ipparkjati fi Triq Giovanni Barbara jieħdu parkeġġ. Is-Sur Dalli qal li huwa għamel diversi rapporti mal-għassa biex dawn jitneħħew u s-Surġent Axiaq qed jassisti lil kunsill f'dan il-każ biex dawn jitneħħew.

11.5.2 Il-Kunsillier Donio Cini għamel domanda fuq korrispondenza nru 0154/20 bl-isem '*Filming permit'*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-sur Cini li din l-korrispondenza ser tiġi mressqa għad-diskussjoni aktar tard mal-lista ta' xogħlijiet oħra tal-kunsill u lmenti.

11.5.3 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia xtaq klarifika fuq korrispondenza nru 0159/20 – *Lija approval*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dik imejl mibgħutha mingħand Transport Malta fejn il-kunsill ġie nnotifikat li l-applikazzjoni għall-mera fi Triq Massimiliano Debono li huwa ssottometta kif kien ġie diskuss fis-seduta li għaddiet ġiet approvatha.

11.5.4 Il-Kunsillier Joseph Zahra xtaq ikun jaf fuq xix titratta korrispondenza nru 0161/20 bl-isem 'Casa Sant Cassia-Lija'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif resident qed jagħmel talba biex titneħħa l-lampa li huwa għandu mweħla mal-faċċata tal-propjeta tiegħu għax ma jridix aktar hemm. Is-Sindku qal li dik il-bozza lha hemm u mhux xi ħaġa li saret riċenti u għalhekk mhux ser titneħħa.

## 11.6 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-sejħa għal skrivan fuq bażi P/T ġiet rriklamatha fuq Facebook nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2020. Hija kompliet tgħid li sa dakinhar tal-laqgħa daħlu tlett applikazzjonijiet b'kollox.

11.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sejħa tiskadi l-għada tal-laqgħa, 26 ta' Frar u għalhekk huwa ideali li tinstab ġurnata li tkun konvjenti għall-kunsilliera kollha biex ikunu preżenti u jsiru l-interviews mal-applikanti nteressanti.

11.6.3 Il-Kunsill unanimament qabel li l-interviews għandhom isiru nhar ta' Tnejn 9 ta' Marzu 2020 mit-3:00pm il-quddiem. Fuq bażi ta' dan is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil applikanti b'dan.

## 11.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

11.7.1.1 <u>*Risk Assessment* ġdid għall-binja tal-kunsill</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda stima biex isir *risk assessment* mill-ġdid għall-binja tal-kunsill. Hija qalet li l-kunsill diġa għandu rapport tar-*risk assessment* pero rrakkomendat li dan jiġi updated kultant minħabba xi regoli ġodda li jiġu ntrodotti minn żmien għal żmien u anke minħabba xi bdil li jkun sar fin-numru ta' persuni li jaħdmu fil-kunsill.

11.7.1.2 L-istima ta' dan ir-risk assessment report hija ta' €206.50 u s-segretarju eżekuttiv qed tirrakkomanda li jekk din l-istima tiġi approvatha l-aħjar li r-*risk assessment* isir fi Marzu biex fih ikun hemm ukoll kopert l-iskrivan/i ġodda li ser jibdew jaħdmu mal-kunsill.

11.7.1.3 Il-Kunsill unanimament approva din l-istima.

11.7.2.1 <u>Stima rigward diversi xogħlijiet mingħand JVP Group Company</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda stima mingħand JVP Group company rigward diversi xogħlijiet li jitrattaw fuq talbiet li rċieva l-kunsill mingħand diversi residenti. Fost dawn ix-xogħlijiet nsibu tranġar ta' parti mit-Triq Ġeraldu Azzopardi, tranġar ta' bankina u rampa fi Triq Mikielanġ Borg, tranġar ta' bankina u tarmac fi Triq Annibale Preca u culvert fi Triq is-Salvatur ħdejn is-salvatur il-qadim.

11.7.2.2 Il-Kunsill approva l-istima tax-xogħlijiet kollha iżda kien hemm qbil li alissa jitwettqu biss tnejn mix-xogħlijiet imsemmija. B'mod urġenti għandhom jitwettqu it-tranġar ta' parti mit-Triq Ġeraldu Azzopardi u t-tranġar tal-bankina u rampa f Triq Mikielanġ Borg. Ix-xogħlijiet l-oħrajn ser jitpoġġew fuq il-lista ta' xogħlijiet pendenti u jsiru maż-żmien, kif il-kunsill joħroġ *tender* tal-*patching* u jkollu kuntrattur allokat apposta għalhekk.

11.7.3.1 <u>Talba Filming fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 1</u>

Student li qed jattendi fl-Universita ta' Malta u qed jagħmel il-masters jixtieq jiġbed film żgħir fi Triq Sant Andrija Sqaq Nru 1 bħala parti mill-istudji u t-teżi tiegħu. Huwa jixtieq jagħmel dan fis-6 ta' Mejju bejn is-2:00pm u l-10:00pm. Huwa qal li mhux ser joħloq ostaklu tat-traffiku u r-residenti tat-triq huma diġa nfurmati.

11.7.3.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba bil-patt u l-kundizzjoni li l-istudent jerġa jinforma bil-miktub lir-residenti li joqgħodu fl-isqaq u kif ukoll dawk li joqgħodu fil-viċinanzi.

11.7.4.1 <u>Talba biex il-banda '*Warsash Band'* iddoqq quddiem il-knisja tas-Salvatur</u>

Il-Banda *Warsash Band* qed tagħmel talba biex f'ġurnata waħda bejn id-29 ta' Mejju u it-3 ta' Ġunju 2021 iddoqq quddiem il-knisja tas-Salvatur il-Qadim. Il-Banda m'għandhix ħin partikulari x'ħin ser iddoqq infatti ma issibx oġġezzjoni jekk il-ħin jingħata mill-kunsill. It-Traffiku fit-triq mhux ser ikun ostakulat u l-banda kull ma trid huwa post barra quddiem il-knisja fejn tista ddoqq u tattira lin-nies.

11.7.4.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li japprova din it-talba pero għadu kmieni wisq biex jagħti din l-approvazzjoni u tal-parir li l-*Warsash Band* terġa tressaq din it-talba mal-kunsill aktar il-quddiem f'Jannar tas-sena 2021.

11.7.5.1 <u>Talbiet għal bozoz Ġodda</u>

Is-Sindku ressaq talbiet għal bozoz ġodda fi Triq Carmelo Farrugia fil-pjazzetta, Triq Tal-Mirakli kantuniera ma' Triq N.Cottoner (viċin tal-m*ini market*) u fi Triq Sant Andrija bejn sqaq nru 1 u sqaq nru 2.

11.7.5.2 Il-Kunsill unanimament approva dawn it-talbiet u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiproċedi billi taplika ma' Enemalta għal dawn il-bozoz.

11.7.6.1 <u>Talba Tranġar ta' bankina fi Triq Nazju Cortis</u>

Resident qed jagħmel talba biex il-kunsill jirranġa l-bankina li hemm fi Triq Nazju Cortis faċċata tad-dar tiegħu man-naħa tal-għelieqi ta' Villa Francia.

11.7.6.2 Il-kunsill kollu qabel li l-istat ta' din il-bankina huwa vera wieħed diżastrus u trid tiġi rranġatha. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li anke l-ħajt tas-sejjieħ irid jiġi rranġat u ta' livell wieħed. Is-Sur Dalli qal li din it-talba ser jieħu ħsiebha hu u anke ser jiprova jara min huwa s-sid tal-ħajt tas-sejjieħ biex jiġbidlu l-attenzjoni u jirranġah.

11.7.6.3 Inkonnessjoni ma' din it-talba s-Sur Zahra sema li fl-akwata ta' Ta' Senna jaf isir xi żvilupp żgħir u Triq Antonio Azzopardi tiġi tinfed ma' Triq Ġannikol Buhagiar. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jiċċekja jekk dan mhux veru u jekk hemmx xi pjanijiet li jsir dan l-iżvilupp.

## 11.8 Skema 2 Reġjun Ċentru – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru

11.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bord tal-għażla li ġie maħtur mill-kunsill fis-seduta li għaddiet (li jikkomponi mis-sur Dalli, is-Sur Mallia u s-Sinjorina Lorraine Farrugia) iltaqgħa nhar il-Ħamis 13 ta' Frar, 2020. Dan biex tittieħed deċiżjoni rigward is-sitt applikazzjonijiet li ġew sottomessi mill-għaqdiet biex jibbenifikaw minn skema 2 tar-Reġjun Ċentru – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonili Ċentru.

11.8.2 Għall-bord din ma kienetx deċiżjoni faċli u wara diskussjoni elaborata li saret dakinhar, il-bord ġie f'konklużjoni li l-għaqdiet: il-Każin Sant Andrija, Lija Atlethic Football Club u l-Mużew tas-subien jiġu magħżulha biex jibbenifikaw minn din l-iskema. Dawn it-tlett għaqdiet ilkoll għandhom ħsieb li jixtru apparat eletroniku bħal *computers* u

*projecters* u għalhekk fl-opinjoni tal-bord intgħażlu propju huma għaliex l-apparat li ser jixtru ser iservihom għal skopijiet edukattivi.

11.8.3 Fuq bażi ta' dan is-Sindku tkellem fejn qal li huwa fl-aħħar laqgħa li attenda tar-Reġjun Ċentru kkonferma li din l-iskema ser terġa toħroġ fil-futur. Għalhekk għal din id-darba l-iskema ser tinqasam bejn it-tlett għaqdiet li ġew magħżulha kif spjegat fi punt 11.8.2. Il-kumplament tal-għaqdiet l-oħra li applikaw, li b'kollox jifdal tlieta, ser ikollhom ċans jibbenifikaw minn din l-iskema x'ħin tinħareġ it-tieni sejħa, fil-futur.

11.8.4 Il-Kunsill unanimament qabel mad-deċiżjoni tal-bord. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinnotifika lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru b'din id-deċiżjoni.

## 11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

11.9.1.1 <u>Ir-Raba' Rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2019</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-raba' rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2019. L-*accountant* is-Sur Chris Farrugia kien preżenti biex jispjega dan ir-rapport u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera.

11.9.1.2 Is-Sindku stieden lil l-*accountant* biex jagħti spjegazzjoni tar-rapport fejn qara il-figuri kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €329,315.00, nefqa totali ta' €339,709.00 u dan irriżulta fi deficit ta' €10,95.00. Is-Sur Farrugia kompla jispjega r-rapport billi ta' *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu telgħat għal 79%. Is-Sur Farrugia qal li l-kunsill kien bilgħaqal, fadal u għamel użu tal-finanzi tiegħu b'mod dixxiplinat.

11.9.1.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet addizzjonali li xtaqu jagħmlu lil *accountant*. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

11.9.1.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondant mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia.

11.9.2.1 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2019</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019. L-*accountant* is-Sur Chris Farrugia kien preżenti biex jispjega dan ir-rapport u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera.

11.9.2.2 L-*accountant* spjega l-importanza ta' dan ir-rapport billi tkellem fid-dettall fuq id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2019. Huwa qal li dan ir-rapport fih jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sistema ta' *accounts* li għandu l-kunsill u dan ir-rapport ġie propju ppreparat għall-*audit* li ser issir dalwaqt bħala rendikont tas-sena 2019.

11.9.2.3 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2019 ġie approvat unanimament mill-kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia.

11.9.2.4 Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Farrugia tal-preżenza tiegħu u l-ispjegazzjoni li huwa ta fuq iż-żewġ rapporti.

11.9.3.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni -*Tender Demolition and reconstruction of rubble walls under measure 4.4 of the European Agricultural fund for rural development.*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għal *Demolition and reconstruction of rubble walls under measure 4.4 of the european agricultural fund for rural development*. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm żewġ offerti għal dan is-servizz li sfortunatament iż-żewġ offerti ma kienux technically complaint u għalhekk il-bord ma nnomina l-ebda minn dawn l-offerti u qed infatti qed jissuġġerrixxi li l-kunsill jerġa joħroġ sejħa oħra ta' offerti.

11.9.3.2 F'dan ir-rigward, is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tal-kunsill. Il-kunsill unanimament approva li terġa tinħareġ sejħa oħra u terġa ssir il-proċedura kollha mill-ġdid sakemm ikun hemm offerta nnominata mill-bord tal-evalwazzjoni li finalment tkun kemm technically u financially complaint.

## 11.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

11.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 03.

11.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien ssekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

11.10.3 F'din il-parti tal-laqgħa s-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsill xi spejjes oħra. Fost dawn l-ispejjes nsibu xiri ta' tlett (3) siġar tal-larinġ li s-Sur Dalli għandu ħsieb biex dawn jitpoġġew fil-ġnien kif wieħed jidħol mill-entratura minn Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa qal li dan kien suġġeriment li ngħata mill-ħaddiema ta' Ambjent Malta li qed jgħinu fit-tisbieħ tal-ġnien.

11.10.4 Is-Sur Dalli ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn ukoll isiru xi *speed markings* ġodda fi Triq Sant Andrija, Triq il-Forn u Triq il-Kunċizzjoni u din jaf tkun daqsxejn ta' spiża wkoll. Il-Kunsill qabel li l-*ispeed limit marking* għandu jkun ta' 20 kullimkien.

11.10.5 Il-Kunsill unanimament approva wkoll l-ispejjes li ressaq is-Sur Dalli kif spjegat fi punt 11.10.3 u punt 11.10.4.

## 11.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

11.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li riċentament ma kienx hemm applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar ġodda alarmanti.

11.11.2 Is-Sindku qal li riċentament huwa flimkien mat-*town planner* u s-Sinjorina Lorraine Farrugia attendew għal bord tas-smiegħ li kien hemm dwar PA Nru 07986/19 ta' 17,Mattina, Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Fernand Gregh. Huwa nforma lil kunsill li l-bord tal-awtorita tal-ippjanar għadu ma ħax deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta' PA Nru 07986/19 u l-bord għandu jiġi jagħmel spezzjoni fuq is-sit inkwistjoni.

## 11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

11.12.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia fakret il-punt li hija kienet ressqet fl-laqgħa oħra preċedenti biex issir bożża ġdida fuq arblu f'Ħalman kif tidħol minn naħa tal-fabbrika tal-Mercedes għax f'dik il-parti hemm dlam ċappa. Is-Sindku qal li jekk ser issir fuq arblu l-ispiża ta' din il-bozza ser tkun akbar.

11.12.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed titlob biex issir ir-*refreshing* fi Triq Il-Mitħna faċċata ta' Triq Egidio Lapira, fi Triq il-Maħlut u Triq Dun Ġużepp Tanti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'dik l-akwata l-ħaddiema diġa għamlu *refresh* ta' diversi sinjali u *stops* pero ser terġa tibgħathom fuq il-post biex jiċċekjaw x'baqa jsir.

11.12.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li qed jitweħlu ħafna avviżi/*stickers*/riklami minn terzi persuni fuq diversi tabelli u arbli madwar ir-raħal u qed titlob li dawn jitneħħew. Hija qalet li l-kunsill għandu *bye-law* dwar dan u *stickers*, riklami jew avviżi li ġew imweħlin mingħajr il-permess tal-kunsill għandhom jiġu maqlugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat lil ħaddiema jduru madwar ir-raħal biex jaqilgħu t-tabelli u r-riklami li huma bla permess.

11.12.5 Il-laqgħa ntemmet fil-5:05pm.

11.12.6 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex issir fit-3:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |